**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2020
Sessjoni tal-Ghid il-Hamiem
Numru: 06/2020 VGA

**L-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**
(Spettur Frankie Sammut)

***vs***

**Dragan Savic**

**Il-Qorti,**

1. Rat li Dragan Savic, bin Vlastimir u Vesna, ta' nazzjonalita Serba, imwieled Belgrad, Serbja nhar it-13 t' Awissu 1983, residenti San Gwann u detentur tan-numru tal-passaport 010644488 tressaq taht arrest quddiemha illum u gie akkuzat bis-segwenti akkuzi:

    1. *"Talli fl-24 ta' Jannar 2020 u/jew fil-granet ta' qabel f'Malta ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew dokument, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport jew dokument li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil fihom (Kap. 61, Art. 5 tal-Ligijiet ta' Malta)."*

2. *"Kif ukoll ... talli matul l-istess zmien, lok u cirkustanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap. 9, Art 189 tal-Ligijiet ta' Malta)"*

3. *"Kif ukoll ... talli matul l-istess zmien, lok u cirkustanzi minghajr awtorita' legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-Att, li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Art. 32(1)(f) tal-Ligijiet ta' Malta)".*

2. Rat id-dokumenti esebiti.

3. Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

4. Rat illi wara li l-Qorti fissret lill-imputat il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u tatu zmien biex jirrikunsidra il-pozzizjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

5. Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u l-akkuzi ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

6. Illi dwar il-piena, kemm il-Prosekuzzjoni u kif ukoll l-avukat tad-difiza waslu ghal patteggjament informali quddiem il-Qorti fejn giet mitluba sentenza ta' prigunerija effettiva ta' sitt (6) xhur.

7. Ikkunsidrat illi huwa minnu illi l-istitut ta' "plea bargaining" kif regolat bl-Artiklu 453(a) tal-Kap. 9 japplika biss ghall-Qorti Kriminali pero' hija prassi komuni quddiem din il-Qorti, illi mhux ta' min jinjoraha, illi sabiex jithaffew il-proceduri, id-difiza u l-prosekuzzjoni jiddikjaraw quddiem il-Qorti li huma qed jaqblu fuq piena partikulari. Naturalment il-Qorti m'hijiex marbuta ma' dan il-patteggjament u tista' teroga piena differenti minn dak informalment miftiehem quddiemha.

8. Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom instab hati l-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u ma' tarax li ghandha ghalfejn tiddipartixxi mill-piena suggerita ta' sitt (6) xhur.

**Decide**

9. **Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-ligi (Kap. 61 Art. 5, Kap. 9 Art. 189, Kap. 217 Art. 32(1)(f) tal-Ligijiet ta' Malta) issib**

**lill-imputat hati fuq ammissjoni tieghu stess tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur.**

**Dr. Victor George Axiak**
**Magistrat**

**Yesenia Maria Pace**
**Deputat Registratur**